# IL-HEDMA TA' SAN PAWL F'MALTA

L-istorja ta' San Pawl f'Malta, kif igħidilna San Luqa fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, fiha għalina l-Maltin vojt kbir li nixtiequ narawh mimli. X'għamel San Pawl Malta? X'għallem? Tassew li għamel il Publiju Isqof ta' Malta? Mar Għawdex jew baqa' Malta? Tassew li Pawlu għallem u għammed jew qagħad dejjem magħluq il-ħabs bħala priġunier? Għal dawn il-mistoqsijiet San Luqa ma jwieġeb xejn. San Luqa jgħidilna biss li Pawlu fejjak il-missier Publiju u l-Maltin morda u li l-Maltin tawh ħafna rigali. Xejn aktar. Hemm saħansitra min jaħseb jew għallinqas min jaħbat jiġih xi dubju li San Pawl kemm dam Malta ma għamel xejn, ma għamilniex insara. Kieku għamel xi ħaġa minn dan kollu San Luqa kien itarrfilna xi kelma. F'kull belt li mar San Pawl, San Luqa dejjem igħidilna xi ħaġa fuq il-ħidma ta' San Pawl f'dik il-belt, imma fuq Malta xejn, anqas kelma.

Nistqarru s-sewwa, dan is-skiet ta' San Luqa fuq il-ħidma ta' San Pawl f'Malta jgħaġġibna u xi ftit idejjaqna wkoll. Imma għal min jaf jaqra l-kitba ta' San Luqa hemm ħafna truf li jqabbduna t-triq li nixtiequ nsibu, għax dak li San Luqa ma qalux bid-dieher qalu bil-mistur, imma qalu, u hemm hu għal min jifhmu.

San Luqa jgħidilna li San Pawl għamel ħafna mirakli Malta. L-ewwel miraklu għamlu miegħu nnifsu, meta ħeles mill-velenu tal-lifgħa. Imbagħad fejjaq il-missier Publiju. Imbagħad il-morda kollha Maltin, Issa l-għala għamel San Pawl dawn il-mirakli? Mhux biex in-nies tfaħħru; żgur ukoll it-tifħir tan-nies għal San Pawl ma kien xejn. Mhux għall-qligħ tal-flus; San Pawl ma kienx iħobb il-flus. Biex ipattilhom talli għamlu miegħu? B'xi mod jista' jkun, imma mhux għalhekk biss. San Pawl kien jagħmel il-mirakli biex juri lill-poplu s-setgħa bla tarf ta' Alla veru u b'hekk imexxihom għall-fidi f'Alla veru u fi Kristu Ibnu. Meta San Pawl kien fil-belt ta' Listri u hemm fejjaq wieħed magħtub mit-twelid, il-poplu ħasbu xi alla u riedu joffrulu sagrifiċċi. S. Pawl ma ħalliehomx imma qalilhom: X'taħsbu li għamilna? Xejn. Mhux aħna li fejjaqna dan il-marid, imma Alla li jista kollox, Alla wieħed, Alla veru, Alla li aħna nemmnu fih u kulħadd għandu jemmen fih biex isalva. Minn dan naraw tajjeb il-għala San Pawl kien jagħmel il-mirakli, biex ixandar l'Alla u jiġbed in-nies lejh. Il-mirakli għal San Pawl kienu mezz li bih kien igħarraf l'Alla u l-ħtieġa li jemmnu fih. Mela jekk San Pawl Malta għamel mirakli — u dan igħidulna San Luqa — għandna nifhmu li San Pawl xandar fost il-Maltin l-isem t'Alla Veru u l-fidi fih u fi Kristu Ibnu u t-tagħlim kollu ta' Kristu. Ħaġa oħra jgħidilna S. Luqa. Il-Maltin ħabbewh il San Pawl, kienu jeħdulu ħafna ħwejjeġ kemm dam Malta, jiġifieri ikel għalih u għal sħabu.

U qabel ma telaq għabbewh b'kull ma kien jaħtieġ. Jista' jkun li l-Maltin kienu jħobbu daqshekk il Pawlu u ma kenux jagħmlu dak li għallimhom? Għalhekk għandna bilfors ngħidu li San Pawl kemm dam Malta għallem il-Maltin il-fidi ta'

Kristu u l-Maltin laqgħu l-kelma tiegħu, tgħammdu, saru nsara u kienu l-bidu tal-Knisja ta' Malta. U hekk naraw li għalkemm San Luqa ma jgħidilniex bid-dieher x'għamel San Pawl Malta, jagħtina xaqq dawl biex nifhmu li San Pawl ma għaddiex it-tliet xhur tax-xitwa fil-għażż imma fix-xogħol, igħallem kull jum fejn kien miżmum bil-għassa u jilqa 'l kulħadd bħal missier 'l uliedu.

P.P. SAYDON

# SAN PAWL: L-AKBAR XIEHED TA' KRISTU

Bħal ma l-iġfien għandhom il-boxxla li bis-saħħa tagħha l-imsefrin isibu t-triq fil-wesgħa bla tarf tal-ibħra, hekk ukoll il-bniedem għandu fih ir-raġuni li biha jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, u is-sewwa mill-qerq, biex jagħmel il-ħaġa u jġenneb l-oħra.

Il-ġrajja ta' San Pawl kull ħadd jafha, għax tissemma dali fil-priedki u miktuba fil-Ktieb t'Egħmil l-Appostli, li hu ħafif għal qari, għax mimli bi ġrajjiet imżewqa. San Pawl kien *student* tal-aqwa skola ta' Ġerusalemm fi żmienu, u msieħeb fix-Xirka tal-Fariżin, imkabbar bih innifsu għal bost raġunijiet: għax kien għadu żagħżugħ; għax kien bin it-tajjeb; għax kien *Civis Romanus*, għax kien maħbub mill-Qassis il-Kbir (qisu l-Papa tal-Lhud), u ħwejjeġ bħal dawn. Kienet għadha kemm bdiet f'Ġerusalemm ix-Xiżma (minn għala l-Lhud) ta' dawk li jgħidulhom Insara, li għadd kbir minnhom, San Pawl qabadhom u telaqhom f'idejn il-għassa; u billi oħrajn ħarbu u xterdu, biex jinħabb aktar mall-Qassis il-Kbir, mar jaqbad minn dawk ukoll u jeħodhom marbuta lejn Ġerusalemm. Biex juri kemm kien ħarrieqi għal-Liġi, ma marx jaqbad minn dawk li kienu fil-qrib, fil-Jeħudija u s-Samarija, imma f'Damasku, fis-Surija, fil-bgħid.

U kif kien qorob lejn Damasku, imħejji biex jaħfen l-Insara, f'daqqa waħda l-boxxla daritlu. U mhux biss telaq l-Insara għal riħhom, imma saħansitra hu qaleb Nisrani, u ftit wara beda jaħdem, b'ħiltu u b'saħħtu kollha biex jagħmel Insara lill-oħrajn.

Issa jekk toqgħod taħseb u tirraġuna: x'kienet il-ħtija li San Pawl f'daqqa qaleb hekk? Għaliex sar Nisrani huwa n-nifsu? Nistgħu nafu l-għaliex? San Pietru nafu għaliex mar ma' Ġesù, biex isir ras kbira, meta, minn għalih, Ġesù kellu jilħaq Sultan tal-Lhudija (ara Matt. XIX, 27-30). San Ġakbu u San Ġwann nafu wkoll għaliex marru ma' Ġesù: biex joqogħdu wieħed kull naħa tiegħu, meta jilħaq Sultan (ara Matt. XX, 20-24). Imma lil San Pawl x'ġiegħlu jaqleb? Ma kienx jeħtieġ ġid, għax kellu; ma kienx irid ġieħ, għax kellu wkoll. Għal fejn mela? Dan li wieħed jixtieq jaf.

Din il-mistoqsija qadima ħafna għax saħansitra l-Insara Lhud dawk li kienu jgħidulhom Għebjonin, taw tifsira ta' dan kif deher lilhom; qalu li San Pawl sar Nisrani biex jinki lill-Qassis il-Kbir talli ma riedx iżewġu lil bintu, (ara Sant'Epifanju, "Adversus Haereses", XXX, 16, imsemmija wkoll minn Ricciotti, "Paolo Apostolo," faċċata 101, nota). Imma